MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1/2006

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil, sostitwit bl-Avukat Dottor Martin Fenech, u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati permezz ta' digrieti moghtija fis-17 ta' Jannar 2006 u fis-26 ta' Ottubru 2006, sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Premess illi l-kontendenti A Mizzi [recte: B] u C D kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fil-21 ta' Novembru, 2003 Dok A.

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att ta' zwieg liema att taz-zwieg qatt ma sar bejn il-partijiet.

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens da parti tal-konvenut tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

Peress illi fil-fatt iz-zwieg qatt ma giet konsumata u bhala konsegwenza, ser jirrizulta li ma kienx hemm xewqa ta' tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli rilevanti skond l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex :

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti A B u C D debitament ikkontrattat fil-21 ta' Novembru, 2001 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma mhumiex edotti bil-fatti, u rriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri ;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-21 ta’ Novembru 2003 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha tieghu l-assenti ma ghamel ebda eccezzjoni fil-mertu.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li fil-21 ta’ Novembru 2003 l-attrici, mara ta’ nazzjonalita’ Maltija, izzewwget lill-konvenut, ta’ nazzjonalita’ Sirjana, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa 3 xhur. Jidher li z-zwieg sar daqshekk malajr peress li l-konvenut kellu problema dwar il-permess tas-soggjorn tieghu f’ Malta.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, u l-attrici tasserixxi kategorikament li hija qatt ma kellha x’ taqsam sesswalment ma’ l-assenti u li z-zwieg ghadu mhux ikkonsumat. Fix-xhieda taghha hija kompliet tispjega li ezatti wara c-cerimonja taz-zwieg l-assenti ma riedx imur joqghod maghha fid-dar konjugali izda, minflok, telaq ma shabu u abbanduna lill-attrici. Sussegwentement kien ikkuntatja lill-attrici sabiex din tiffirmalu xi dokumenti fl-ufficju ta’ l-Imigrazzjoni.

Mill-provi mhux kontestati jirrizulta car li da parti ta’ l-assenti dan kien biss zwieg ta’ konvenjenza u, ghalkemm huwa esternament ghadda minn ceremonja ta’ zwieg ma’ l-attrici, internament b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu eskluda z-zwieg fih innifsu stante li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni la li jikkonvivi ma’ l-attrici u lanqas li jkollu relazzjonijiet intimi maghha. Ghalhekk jikkonfigura l-caput

nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-imsemmi artikolu li vvizja l-kunsens matrimonjali ta’ l-assenti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fil-21 ta’ Novembru 2003. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-assenti, izda dawk tal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------